

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tas-sikurezza tal-avjazzjoni fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni”**

(COM(2018) 894 final – 2018/0434 (COD))

(2019/C 190/06)

Rapporteur-general: **Thomas McDONOGH**

Konsultazzjoni	Il-Parlament Ewropew, 14.1.2019 Il-Kunsill, 14.1.2019
Bażi legali	Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni responsabbli	Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni
Deċiżjoni tal-Bureau	22.1.2019
Adottata fil-plenarja	20.2.2019
Sessjoni plenarja Nru	541
Riżultat (favur/kontra/astensjonijiet)	79/0/0

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE kemm-il darba enfasizza li l-avjazzjoni internazzjonali tista' biss tassumi r-rwol tagħha bħala faċilitatur għat-ktabbir ekonomiku b'mod sostenibbli, jekk jinżammu l-ogħla livelli ta' sikurezza. Prerekwiżiti għas-sigurtà huma standards uniformi li huma implimentati mill-partijiet interessati kollha u mmonitorjati minn aġenziji awtorizzati. Il-Brexit jista' jipperikola tali standards u applikazzjoni uniformi fl-Ewropa fil-qasam tas-sikurezza tal-avjazzjoni, minħabba li r-regolamenti rilevanti tal-UE ma jistgħux jibqgħu japplikaw għall-partijiet ikkonċernati tal-avjazzjoni tar-Renju Unit minn Marzu 2019.

1.2 L-Abbozz ta' Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) biex tiġi żgurata konnettività bażika tal-ajru (TEN/689), u din l-Opinjoni għandha titqies bħala evalwazzjoni ta' aspetti speċifiċi tal-istess inizjattiva regolatorja tal-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni). Is-suppożizzjoni sottostanti taż-żewġ Abbozzi ta' Opinjonijiet hija li l-bażi legali għall-attività tal-avjazzjoni fis-Suq Uniku tal-Avjazzjoni, ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup>, u Regolamenti oħra tal-UE li jirregolaw aspetti differenti rilevanti għall-avjazzjoni, bħal b'mod partikolari, ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(2)</sup>, kif ukoll atti adottati skont ir-Regolament (KE) 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(3)</sup>, mhux se jibqgħu japplikaw għal-linji tal-ajru rreġistrati fir-Renju Unit wara li r-Renju Unit jidher mill-Unjoni Ewropea (Brexit).

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l- 24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi ta' l-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 Tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l- 20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1).

1.3 Sabiex wara d-29 ta' Marzu 2019 titnaqqas l-inċertezza legali u l-instabbiltà tal-ippjanar, ġie nneozjat Ftehim dwar il-Ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit sabiex il-gvern tar-Renju Unit ikun jista' jstabbilixxi liġi nazzjonali u miżuri regolatorji bħala l-qafas regolatorju futur għas-settur tal-avjazzjoni tar-Renju Unit. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ, madankollu, għadu ma ġiex ratifikat mill-Parlament tar-Renju Unit. Fil-kuntest ta' pjan ta' azzjoni ta' kontinġenza żviluppat fis-sajf tal-2018, il-Kummissjoni għalhekk abbozzat, fost l-oħrajn, Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tas-sikurezza tal-avjazzjoni fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni (Regolament).

1.4 Fil-każ ta' nuqqas ta' kwalunkwe bażi legali oħra, mhuwiex ċar jekk iċ-ċertifikati maħruġa mir-Renju Unit skont il-liġi tal-UE humiex se jibqgħu validi, kif il-linji tal-ajru rreġistrati fir-Renju Unit jistgħu jkunu iċ-ċertifikazzjoni meħtieġa mit-30 ta' Marzu 2019, u kif il-kumpaniji tat-tiswija u l-manutenzjoni fir-Renju Unit jistgħu jkomplu jwasslu l-partijiet tal-bdil u s-servizzi bil-liċenzjar kif meħtieġ mil-liġi tal-UE. Sabiex jiġu solvuti dawn il-kwistjonijiet u tiġi stabbilita bażi legali biex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għall-applikazzjoni tal-liġi tar-Renju Unit, huwa meħtieġ b'mod urġenti Regolament ta' kontinġenza, jekk il-Ftehim dwar il-Ħruġ ma jiġix adottat.

1.5 Għalkemm il-partijiet interessati jistgħu, f'ħafna każijiet, isolvu kwistjonijiet relatati mal-validità kontinwa taċ-ċertifikati billi jirrikorru għal awtorità tal-avjazzjoni ċivili tal-UE27, jew japplikaw għal ċertifikat ta' pajjiż terz maħruġ mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA), hemm każijiet fejn tali mitigazzjoni mhijiex possibbli. Dawn is-sitwazzjonijiet jistgħu jiġu solvuti biss jekk tiġi stabbilita bażi legali.

1.6 Miżuri ta' kontinġenza huma meħtieġa bħala kwistjoni ta' urġenza, iżda r-regolament tal-UE għandu jsir effettiv biss biex isolvu kwistjonijiet ta' sikurezza relatati mal-avjazzjoni li altrimenti ma setgħux jiġu solvuti. Ir-Regolament għandu għalhekk ikun ta' natura temporanja sakemm ir-Renju Unit ikun stabbilixxa aġenzija nazzjonali u leġiżlazzjoni nazzjonali li tassumi r-rwol ta' aġenzija tas-sikurezza.

1.7 Il-KESE jfaħħar lill-Kummissjoni għal din l-inizjattiva regolatorja li tirrikonoxxi problemi speċifiċi li jistgħu jinqalgħu f'każ ta' xenarju mingħajr ebda ftehim fil-qasam tas-sikurezza tal-avjazzjoni. Ir-Regolament se jipprovdi lis-settur bil-garanziji meħtieġa li l-proċess ta' ċertifikazzjoni ma jkunx ipperikolat waqt it-tranżizzjoni tar-Renju Unit minn Stat Membru għall-istatus ta' pajjiż terz. Bl-istess mod, il-pubbliku li jivvjaġġa se jingħata l-assigurazzjoni, li l-operazzjonijiet sikuri se jiġu pprovvuti għal wara d-29 ta' Marzu 2019.

1.8 Il-KESE jaqbel mal-argument tal-Kummissjoni li l-għan tar-Regolament mhuwiex li jiġi estiż l-istatus quo, iżda li jiġu previsti miżuri ta' kontinġenza li huma meqjusa bħala urġenti sabiex tittaffa l-ħsara possibbli fl-ivvjaġġar bl-ajru bejn l-UE u r-Renju Unit. Ir-Regolament propost japplika biss b'mod temporanju biex is-settur ikun jista' jkompli jaderixxi mal-ogħla standards ta' sikurezza.

1.9 Il-KESE jħeġġeġ lir-Renju Unit jikkonkludi ftehimiet bilaterali dwar is-sikurezza kemm jista' jkun malajr mal-UE u ma' pajjiżi terzi oħra sabiex jiġi stabbilit il-kunsens meħtieġ dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikati maħruġa mir-Renju Unit u minn dawn il-partijiet l-oħra.

## 2. **Kuntest regolatorju**

### 2.1 *Ftehimiet internazzjonali*

2.1.1 Għadd ta' ftehimiet relatati mal-avjazzjoni mdaħħla mill-UE f'isem l-Istati Membri għandhom bżonn jiġu replikati mir-Renju Unit wara l-Brexit. Fir-rigward tal-MRO (manutenzjoni, tiswija u tiġdid), il-manifattura tal-avjazzjoni, il-faċilitajiet ta' tiswija kif ukoll l-istandards tas-sikurezza, l-aktar ftehim importanti huwa l-ftehim bilaterali dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti (BASA).

2.1.2 Skont dan il-ftehim l-aġenzija tas-sigurtà taż-żewġ naħat, l-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni (FAA) u l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) rispettivament, jaċċettaw b'mod reċiproku l-proċessi taċ-ċertifikazzjoni u tal-approvazzjoni ta' xulxin; hemm bżonn approvazzjoni waħda biss. Fil-każ tar-Renju Unit, l-FAA mhux se tkun tista' tiddependi fuq spezzjonijiet mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili (CAA) tar-Renju Unit ta' stazzjonijiet tat-tiswija liċenzjati tal-FAA fir-Renju Unit. Ikunu meħtieġa spezzjonijiet tal-FAA, kif ukoll l-approvazzjoni tas-CAA.

2.1.3 Peress li l-BASA spiss jirreferi għall-Istati Membri tal-UE, ir-Renju Unit jista' biss jippreżerva l-istatus quo jekk l-Istati Uniti jaqblu li jitrattaw lir-Renju Unit daqslikieku kien għadu membru tal-UE matul il-perjodu ta' tranżizzjoni u jikkonkludu BASA separat mar-Renju Unit. Għalkemm legalment għadu qed jiġi diskuss, ftehim bħal dan ikun jeħtieġ il-kunsens tal-UE, jekk se tidħol fis-seħħ matul il-perjodu ta' tranżizzjoni - Deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar il-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u Singapore: distinzjoni bejn ftehimiet dwar it-trasport ta' passiġġieri u merkanzija, minn ftehimiet dwar servizzi bħall-manutenzjoni u t-tiswija. Ftehimiet dwar dan tal-aħħar jaqgħu taħt il-politika kummerċjali komuni, u għalhekk kompetenza esklużiva tal-UE: għalhekk, sosituzzjoni tal-BASA bejn l-UE u l-Istati Uniti minn UK-US BASA teħtieġ il-kunsens tal-UE. Dan x'aktarx li jiġri, minħabba li l-għan tal-ftehim dwar il-Ħruġ kien li jiffaċilita t-tranżizzjoni b'mod ordnat.

2.1.4 Ir-Renju Unit ħabbar li għaddejnin negozjati mal-Istati Uniti, il-Brażil u l-Kanada dwar il-BASA bilaterali; il-finalizzazzjoni ta' dawn se tkun diffiċli fin-nuqqas ta' ftehim ta' sikurezza bejn l-UE u r-Renju Unit, partikolarment kwalunkwe ftehim dwar l-istatus tar-Renju Unit fl-EASA.

## 2.2 EASA

2.2.1 Wara l-Brexit, ir-Renju Unit jista' japplika għal xi forma ta' sħubija assoċjata mal-EASA biex iżomm il-vantaġġi tar-rikonoxximent reċiproku bejn l-UE u l-Istati Uniti u biex jiżgura ċ-ċarezza fir-rigward tal-istandards tas-sikurezza li għandhom jiġu applikati mir-Renju Unit. Bħala parti mill-Konvenzjoni ta' Chicago, ir-Renju Unit ikun applikant validu għas-sħubija assoċjata mal-EASA; madankollu jkollu japplika l-liġi tal-avjazzjoni rilevanti tal-UE.

## 2.3 Is-sikurezza tal-avjazzjoni f'każ ta' "hard Brexit"

2.3.1 Biex ittaffi l-possibbiltà ta' interruzzjonijiet sħaħ ta' traffiku tal-ajru bejn l-UE u r-Renju Unit fix-xenarju mingħajr ftehim dwar il-Ħruġ irratifikat, il-Kummissjoni adottat żewġ proposti għal regolamenti: l-ewwel nett tiżgura l-forniment ta' ċerti servizzi tal-ajru bejn ir-Renju Unit u l-UE u testendi l-validità ta' ċerti liċenzji eżistenti, rispettivament. L-ambitu tal-konnettività bażika bl-ajru huwa indirizzat f'Opinjoni oħra tal-KESE – TEN/689.

2.3.2 It-tieni proposta għal Regolament dwar ċerti aspetti tas-sikurezza tal-avjazzjoni fir-rigward tal-Brexit tikkonċerna l-estensjoni tal-validità għaċ-ċertifikati għal ċerti prodotti, partijiet, tagħmir u kumpaniji ajrunawtiċi. Filwaqt li xi rimedji huma applikabbli għall-partijiet interessati f'dan ir-rigward fil-forma ta' bdil għal AAK tal-UE jew it-tressiq ta' applikazzjoni bikrija lill-EASA għal ċertifikati ta' pajjiżi terzi, mhux it-tfikkil possibbli kollu jista' jittaffa minn dawk il-miżuri.

2.3.3 L-urġenza li jiġu pprovduti perjodi ta' validità estiża hija marbuta mill-qrib mal-fatt li r-Renju Unit ikollu jieħu fidejħ ir-responsabbiltajiet li qabel kienu mogħtija lill-EASA, sabiex ikun jista' joħroġ liċenzji mill-ġdid. Min-naħa tagħha, l-EASA tista' toħroġ biss ċerti ċertifikati abbażi ta' liċenzja ta' pajjiż terz (\*). Għalhekk, il-validità estiża sservi biex tagħlaq il-ħin li tieħu biex l-EASA u l-operaturi joħorġu ċerti ċertifikati skont l-istatus tal-pajjiż terz il-ġdid tar-Renju Unit.

## 3. Kontenut tar-Regolament propost

3.1 Ir-Regolament propost ikopri firxa ta' ċertifikati validi qabel id-data tal-ħruġ, iżda ġeneralment jagħmel differenza bejn iċ-ċertifikati maħruġa mill-EASA lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi bil-post ewlieni tan-negozju tagħhom fir-Renju Unit, u dawk maħruġa minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ċċertifikati mill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit (\*).

(\*). Ir-Regolament 2018/1139, Artikolu 68.

(\*) COM(2018) 894 final, Artikolu 1(2).

3.2 L-ewwel ċertifikati huma prinċipalment ċertifikati tat-tip u ċertifikati ristretti tat-tip, approvazzjoni tal-bidliet jew supplimenti għal dawk iċ-ċertifikati, approvazzjonijiet ta' tiswija, awtorizzazzjonijiet ta' Ordni ta' Standard Tekniku Ewropew, kif ukoll approvazzjonijiet ta' organizzazzjoni tad-disinn <sup>(6)</sup>. Dawn iċ-ċertifikati se jibqgħu validi għal 9 xhur, bil-possibbiltà ta' estensjoni skont aktar atti delegati mill-Kummissjoni <sup>(7)</sup>.

3.3 Iċ-ċertifikati tal-aħħar għandhom x'jaqsmu l-aktar ma' ċertifikati ta' rilaxx għall-prodotti, partijiet u tagħmir, it-tlestija tal-manutenzjoni, u revizzjoni tal-ajrunavigabbiltà <sup>(8)</sup>. Dawk iċ-ċertifikati jibqgħu validi biex jiżguraw l-użu kontinwu tal-partijiet u t-tagħmir tal-prodotti finġenji tal-ajru jew bħala inġenji tal-ajru <sup>(9)</sup>. Barra minn hekk, ir-regolament propost jiżgura li l-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE jew l-EASA jikkunsidraw l-eżamijiet tal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ li qabel kienu sorveljati mill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit <sup>(10)</sup>.

3.4 Minħabba li l-invalidità taċ-ċertifikati ma tħallix impatt biss fuq it-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-avjazzjoni iżda l-użu attwali tagħhom, il-validità kontinwa tal-liċenzji hija imperattiva, fejn l-unika alternattiva vijabbli hija li tirriloka, pereżempju, il-produttjoni ta' prodotti tal-avjazzjoni lejn il-ġurisdizzjonijiet tal-UE biex jiġi evitat l-intervall taż-żmien għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' pajjiżi terzi.

3.5 L-importanza tal-miżura hija enfasizzata aktar minn qabel li huwa ta' spiss limitat ta' produttori għal ċerti komponenti ta' inġenji tal-ajru. Madankollu, il-fatt li mhux se jkun hemm ħruġ ta' ċertifikati tat-tip ġodda, eż. ċertifikati tat-tip, li jistgħu jfixxlu b'mod sinifikanti l-operazzjonijiet ta' dawk il-kumpaniji li ma jistgħux ibiddlu ċ-ċertifikazzjoni lejn il-ġurisdizzjonijiet tal-UE, u b'hekk il-klijenti tagħhom li jistgħu jkunu dipendenti fuq prodotti speċifiċi u ċ-ċertifikazzjoni tagħhom, jibqa' fattur li jista' jikkawża tfixkil.

## 4. Osservazzjonijiet speċifiċi

### 4.1 *Tħassib imqajjem mill-partijiet interessati*

4.1.1 Il-partijiet interessati tal-avjazzjoni jirrikonoxxu l-ħtieġa urġenti li jiżguraw li dan is-settur ikun jista' jkompli jopera b'mod sikur. Ir-Regolament propost jipprovdi kontinġenza suffiċjenti; pjattaforma ta' tranżizzjoni ffukata sew u għal żmien limitat.

4.1.2 Skont xi partijiet interessati msemmija waqt it-tħejija ta' din l-Opinjoni, l-Artikoli 5, 6, 7 u 8 tar-Regolament għandhom jirreferu mhux biss għad-detenturi taċ-ċertifikati iżda għall-persuni ġuridiċi jew fiżiċi li joħorġu ċ-ċertifikati. Dan jipprovdi ċertezza legali lill-partijiet kollha involuti fil-proċess ta' ċertifikazzjoni, li l-istatus quo jiġi estiż lil hinn mid-29 ta' Marzu 2019.

4.1.3 Il-KESE jaqbel mal-argument tal-Kummissjoni li l-għan tar-Regolament mhuwiex li jiġi estiż l-istatus quo, iżda li jiġu previsti miżuri ta' kontinġenza li huma meqjusa bħala urġenti sabiex tittaffa l-ħsara possibbli għas-settur. Il-partijiet interessati kienu konxji mid-diskussjonijiet dwar il-Brexit, iżda f'kull każ ma jistgħux jirrikorru huma stess għal azzjonijiet alternattivi biex itaffu l-effetti tal-Brexit fuq is-sikurezza tal-avjazzjoni. Għalhekk huma jeħtieġu assigurazzjonijiet ta' ċertezza legali. Dan mhuwiex il-każ għall-emitenti taċ-ċertifikati fil-forma ta' Regolament tal-UE biex dawn jingħataw b'mod espliċitu ċ-ċertezza legali taċ-ċertifikazzjoni kontinwa. Din iċ-ċertezza se tiġi pprovduta permezz ta' leġislazzjoni nazzjonali għida fir-Renju Unit.

4.1.4 Il-KESE jfaħħar lill-Kummissjoni għal din l-inizjattiva regolatorja li tirrikonoxxi problemi speċifiċi li jistgħu jinqalgħu f'każ ta' xenarju mingħajr ħruġ fil-qasam tas-sikurezza tal-avjazzjoni. Ir-Regolament se jipprovdi lis-settur bil-garanziji meħtieġa li l-proċess ta' ċertifikazzjoni ma jkunx ipperikolat waqt it-tranżizzjoni tar-Renju Unit minn Stat Membru għall-istatus ta' pajjiżi terzi. Bl-istess mod, il-pubbliku li jivvjaġġa se jingħata l-assigurazzjoni, li l-operazzjonijiet sikuri se jiġu pprovduti għal wara d-29 ta' Marzu 2019.

<sup>(6)</sup> COM(2018) 894 final, Anness I Taqsima 1.

<sup>(7)</sup> COM(2018) 894 final, Artikolu 3.

<sup>(8)</sup> COM(2018) 894 final, Anness I Taqsima 2.

<sup>(9)</sup> COM(2018) 894 final, Artikolu 4.

<sup>(10)</sup> COM(2018) 894 final, Artikolu 5.

4.1.5 Il-KESE japprova bis-sħiħ dan l-approċċ u jħeġġeġ lill-Partijiet biex jikkonkludu malajr kemm jista' jkun ftehim bilaterali dwar is-sikurezza tal-ajru biex jikkonkludu b'kunsens reċiproku kif l-aġenziji tas-sikurezza taż-żewġ naħat se jikkooperaw fil-futur biex jiżguraw implimentazzjoni armonizzata tal-miżuri tas-sikurezza madwar l-Ewropa.

4.1.6 Il-KESE jħeġġeġ ukoll lir-Renju Unit biex jikkonkludi BASA bis-setgħat ekonomiċi ewlenin, b'mod partikolari l-Istati Uniti, sabiex tinżamm il-kontinwità u l-koerenza mal-miżuri ta' sikurezza segwiti s'issa fis-suq tal-Atlantiku tat-Tramuntana.

Brussell, l-20 ta' Frar 2019.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Luca JAHIER

---